

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Marzu 2012 —
Coverpla vs UASI — Heinz-Glas (Flixxun)**

(Kawża T-450/08) ⁽¹⁾

(“Disinn Komunitarju — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Disinn Komunitarju rreġistrat li jirrapreżenta flixxun — Disinn preċedenti — Raġuni għal invalidità — Żvelar tad-disinn preċedenti — Nuqqas ta' novità — Artikoli 5 u 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002”)

(2012/C 126/25)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Coverpla (Nice, Franza) (rappreżentanti: P. Greffe u M. Chaminade, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Heinz-Glas GmbH (Piesau, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Pütz-Poulalion, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-UASI, tas-7 ta' Lulju 2008 (Każ R 1411/2007-3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità ta' disinn Komunitarju bejn Heinz-Glas GmbH u Coverpla.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Coverpla hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 6, 10.01.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Marzu 2012 —
Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-236/09) ⁽¹⁾

(“Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Provvista ta' servizzi esterni ta' żvilupp, ta' studji u ta' sostenn għal sistemi ta' informazzjoni — Ċaħda tal-offerti ta' offerenti — Obbligu ta' motivazzjoni — Trattament ugwali — Trasparenza — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Responsabbiltà mhux kuntrattwali”)

(2012/C 126/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: N. Korogiannakis u M. Dermizakis, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment N. Bambara, sussegwentement E. Manhaeve, aġenti, assistiti minn P. Wytinck u B. Hoorelbeke, avukati)

Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tas-27 ta' Marzu 2009, li jiċħdu ż-żewġ offerti ppreżentati mir-rikorrenti, rispettivament, għal Lott Nru 1, intitolat “Perizja dwar żvilupp fuq il-post (*intra-muros*)” u għal Lott Nru 2, intitolat “Proġetti ta' żvilupp barra l-post (*extra-muros*)”, fil-kuntest tal-proċedura ta' sejħa għal offerti RTD-R4-2007-001, dwar il-provvista ta' servizzi esterni ta' żvilupp, ta' studji u ta' sostenn għal sistemi ta' informazzjoni għall-Kummissjoni (ĠU 2007, S 238), kif ukoll tad-deċiżjonijiet li dawn il-lottijiet jiġu assenjati lil offerenti oħra u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE għandha tbatl l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 193, 15.08.2009.